MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 674/2008

**A. Bonello Limited.**

**-vs-**

**Exodus Global Group Holdings.**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ipprezentat fl-1 ta' Lulju, 2008 li permezz tagħha s-soċjeta' attriċi esponiet bir-rispett u bil-ġurament Alexander Bonello Dupuis, direttur u in rappreżentanza tas-soċjeta' rikorrenti kkonferma:

A. Dikjarazzjoni ta' l-oġġett tal-Kawża

1. Illi r-rikorrenti huwa proprjetarju tal-fond numru 5, St. Mary Street, Għaxaq.

2. Illi permezz ta' kuntratt ta' lokazzjoni datat 22 ta' Diċembru, 2005, is-soċjeta' rikorrenti qed tikri lis-soċjeta' intimata l-fond 5, St. Mary Street, Għaxaq versu l-kera ta' ħamest elef, tmien mija, tlieta u għoxrin Euro u tlieta u erbgħin ċenteżmu (€5,823.43) fix-xahar;

B. Raġuni tat-Talba

Illi s-soċjeta' intimata naqset li tħallas il-kera għal tliet skadenzi konsekuttivi u baqgħet hekk inadempjenti minkejja li ġiet debitament interpellata permezz ta' ittra uffiċjali datata 6 ta' Ġunju, 2008, li ġiet debitament notifikata lilha fl-10 ta' Ġunju, 2008, kif hawn annessa u mmarkata bħala Dok. A.

Apparti li s-soċjeta' intimata hija debitriċi għal ħlas ta' kera arretrat għal ferm aktar minn dak indikat fl-imsemmija ittra uffiċjali.

C. Talbiet

Għaldaqstant, ir-rikorrenti jitlob bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti togħġobha:

1. Tiddeċiedi l-kawża bid-dispensa tas-smigħ *ai termini* ta' l-Artiklu 167 tal-Kapitlu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara li s-soċjeta' intimata ddekadiet mill-obbligu tagħha ta' ħlas puntwali tal-kera, u għalhekk konsegwentement tiddikjara terminata l-lokazzjoni in kwistjoni; u

3. Tordna l-iżgumbrament ta' l-istess soċjeta' intimata mill-fond in kwistjoni fi żmien qasir u perentorju li jiġi prefiss lilha minn din il-Qorti.

Bl-interessi u bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali datata 6 ta' Ġunju, 2008 kontra s-soċjeta' konvenuta li hija nġunta għas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta' Lulju, 2008 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għall-probabbli ċessjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta' Ottubru, 2008 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza dwar il-kap ta' l-ispejjeż.

Ikkunsidrat;

Illi kif jidher mill-verbal u n-nota ppreżentata mis-soċjeta' attriċi ċ-ċwievet tal-proprjeta' in kwistjoni ġew ritornati u għalhekk jibqa' biss li jiġi deċiż il-kap ta' l-ispejjeż. Billi s-soċjeta' konvenuta setgħet tivvaka l-proprjeta' qabel, ma hemmx diffikulta' biex dan isir.

**Għaldaqstant il-Qorti filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-mertu, tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta tħallas l-ispejjeż tal-kawża.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------